**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima, LL.D.**

**Appell Nru: 399/2018**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**George Degiorgio**

**Alfred Degiorgio**

**Anca–Adelina Pop**

Illum, 26 ta' Jannar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellati, George Degiorgio, detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 164963M, Alfred Degiorgio, detentur tal-karta tal-identita' Maltija numru 541264M u Anca-Adelina Pop, detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 100282A, akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn l-aħħar snin, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'rizoluzzjoni waħda:

1. Għamlu atti ta' *money laundering* billi –

i) Ikkonvertew jew trasferew propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir-rikavat ta' attivita' kriminali jew minn att ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali, għall-iskop ta' jew skopijiet ta' ħabi jew wiri ħaġa b'oħra ta' l-oriġini tal-

propjeta' jew ta' għoti ta' għajnuna lil xi persuna jew persuni nvoluti jew konċernati f'attivita' kriminali;

ii) Ħbew jew wrew ħaġa b'oħra tal-veri xorta, provenjenza, lok, dispożizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta', meta kienu jafu jew jissuspettaw li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

iii) Akkwistaw, ippussessaw jew użaw propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

iv) Bir-ritensjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' propjeta' meta kienu jafu jew jissuspettaw li l-istess propjeta' kienet inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attivita' kriminali;

v) Ittentaw jagħmlu l-ħwejjeġ jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

vi) Aġixxew bħala kompliċi fit-tifsir ta' l-Artikolu 42 tal-Kodiċi Kriminali rigward xi waħda mill-ħwejjeġ jew attivitajiet definiti fis-sub-paragrafi (i), (ii), (iii), (iv) u (v) ta' hawn fuq;

Ai termini tal-Artikolu 3 tal-Att kontra l-Money Laundering, Kap. 373 u l-Artikolu 18 tal-Kap. 9, Liġijiet ta' Malta.

2. Lil George Degiorgio u lil Alfred Degiorgio waħidhom, talli saru reċedivi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-7 ta' Frar 2023, fejn il-Qorti:

(a) Ma sabitx lill-imputata Anca-Adelina Pop ħatja tal-akkuzi li ġew dedotti fil-konfront tagħha u għalhekk illiberata minn kull imputazzjoni u ħtija;

(b) Wara li rat l-artikolu 3 tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, l-artikoli 18, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputati George Degiorgio u Alfred Degiorgio ħatja taz-zewġ imputazzjonijiet li ġew dedotti fil-konfront tagħhom u kkundannathom għal erba' snin priġunerija effettivi u multa ta' ħamsa u għoxrin elf Ewro kull wieħed;

Inoltre` ai termini tal-Artikolu 3(5)(a) tal-Att Kontra Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat il-konfiska a favur il-Gvern ta' Malta tas-segwenti:

(i) il-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897;

(ii) leasure boat Wellcraft Martinque bl-isem Maya

Dawn it-tnejn huma reġistrati u proprjeta ta' Alfred Degiorgio;

(iii) il-vettura tal-marka Audi bin-numru tar-reġistrazzjoni DENJAD;
(iv) Pleasure boat bl-isem "Ducu".

Dawn huma proprjeta u reġistrati fuq isem George Degiorgio.

In oltre l-Qorti ordnat wkoll l-konfiska tal-vettura tal-marka Corvette C7 tat-tip convertible bin-numru tar-reġistrazzjoni JBW 214 (Davidducu). Għalkemm reġistrata fuq isem l-imputata Anca-Adelina Pop, din il-vettura effettivament kienet fil-kontroll tal-imputat George Degiorgio u ġiet akkwistata minnu.

Dawn kollha ġew konfiskati stante li rrizulta li dawn ġew akkwistati b'fondi illeciti.

Finalment bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lill-imputati George u Alfred aħwa Degiorgio sabiex bejniethom iħallsu l-ammont ta' tmien mija u wieħed u erbgħin ewro u disgħin centeżmu (€841.90) rappreżentanti spejjez peritali inkorsi f'dawn il-proceduri.

Rat ir-rikors tal-Avukat Ġenerali, ppreżentat fl-24 ta' Frar 2023, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi:

i) Tikkonfermaha fejn sabet lil George Degiorgio u Alfred Degiorgio ħatja tal-imputazzjonijiet fil-konfront tagħhom u kkundanathom għal erba' (4) snin priġunerija effettivi;
ii) Tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn ordnat il-konfiska tar-rikavat favur il-Gvern ta' Malta billi tinkludi l-assi kollha li allegatament għandhom sors illeġittimu u li l-provi tagħhom ġew ipprezentati fl-atti tal-kawza;
iii) Tirriforma dik il-parti tas-sentenza fejn Alfred Degiorgio u George Degiorgio ġew ikkundanati jħallsu l-multa ta' €25,000 kull wieħed u minflok timponi multa akbar li hija pproporzjonata mal-fatti tal-każ u mar-rikavat;
iv) Tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx lil Anca-Adelina Pop ħatja tal-akkużi li ġew dedotti fil-konfront tagħha u illiberatha minn kull imputazzjoni u ħtija u minflok issibha ħatja tal-akkuzi kollha addebitati lilha, tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tar-rikavat kif ukoll tal-propjeta' mobbli u immobbli kollha tagħha ai termini tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bl-Artikolu 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-Artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif reż applikabbli bl-Artikolu 3(7) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;
v) Tirriforma dik il-parti tas-sentenza relatata mal-kap tal-ispejjeż ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u tordna li l-ispejjez tal-kawża jitħallsu mill-imputati Alfred Degiorgio, George Degiorgio kif ukoll minn Anca-Adelina Pop flimkien bejnithom;

vi) Tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-propjeta' mobbli u immobbli kollha ta' George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Anca-Adelina Pop ai termini tal-Artikolu 3(5) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll bl-Artikolu 23B u 23Ċ tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-artikolu 22(3A)(b)(d)(7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta kif rez applikabbli bl-artikolu 3(7) tal-Att kontra l-Money Laundering, Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellati esebiti mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju minnu ntentat l-Avukat Ġenerali jikkritika s-sentenza appellata fejn din illiberat lill-imputata Anca-Adelina Pop mill-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha u dan għaliex, fil-fehma tiegħu, kien hemm biżżejjed provi in atti li jwasslu għal sejbien ta' ħtija.

Illi sabiex jkun kkunsidrat dan l-ilment marbut unikament mal-apprezzament tal-provi, il-Qorti eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew fil-prim'istanza, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu[1], billi din hija l-unika setgħa li għandha l-Qorti fi stadju ta' reviżjoni u mhux li tagħmel apprezzament mill-ġdid.

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

Illi l-investigazzjonijiet tal-pulizija marbuta ma' dan il-każ kienu imnehdija hekk kif seħħ l-omiċidju ta' Daphne Caruana Galizia, u dan meta l-imputati aħwa Degiorgio kienu qed jiġu investigati b'rabta ma' dan il-qtil. Irriżulta li l-Pulizija kienet irċeviet informazzjoni kunfidenzjali li l-aħwa Degiorgio kienu f'pussess ta' assi li ma kienux jirriflettu il-ħajja finanzjarja u ekonomika minnhom iddikjarata mal-awtoritajiet u għalhekk kienet varata investigazzjoni finanzjarja fil-konfront tagħhom. Eventwalment, tali investigazzjoni estendiet ruħha ukoll għas-sieħba ta'l-appellat George Degiorgio, u ċioe' l-appellata Anca-Adelina Pop.

Illi, stante li dan l-aggravju jirrigwarda strettament dik il-parti tas-sentenza appellata fejn Anca-Adelina Pop kienet illiberata mir-reati lilha addebitati, dina l-Qorti ser teżamina biss il-provi li hemm in atti in konnessjoni ma'l-imsemmija Pop. Illi minn investigazzjonijiet kondotti, inkluż minn riċerki magħmula ma' diversi entitajiet finanzjarji, jemerġi is-segwenti kwadru ekonomiku in konnessjoni ma' Anca Adelina Pop:–

(i) Li Anca-Adelina Pop għandha kont bankarju wieħed mal-*Lombard Bank* li nfetaħ fis-sebgħa u għoxrin (27) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sittax (2016), u skond l-*opening account form* fuq dan il-kont jirriżulta illi Anca-Adelina Pop hija mniżżla bħala *unemployed*. Pero' fl-*inward transactions* f'dan il-kont, magħmulin kollha bħala *cash deposits,* jidhru somom *round figures* ta' eluf ta' ewro, fosthom tlett elef (3,000), elf (1,000), elfejn (2,000) 'l hemm u 'l hawn[2]. Mill-i*statement* ta' dan il-kont jirriżulta ukoll illi l-appellata kienet tuża dawn il-fondi fil-ħajja ta' kuljum fejn fost oħrajn kienet tonfoq ammont sostanzjali ta' flus f'diversi stabbilimenti ta' ħwejjeġ u żraben ta' ditti rinomati lokalment u internazzjonalment.

(ii) Li bejn Mejju tas-sena elfejn u tlettax (2013) u Jannar tal-elfejn u tmintax (2018), u ċioe' fuq medda ta' ħames snin, Anca-Adelina Pop għaddiet sommon ta' flus barra minn Malta permezz tal-*Western Union* billi użat is-servizzi tal-*FexServ Financial Services Limited*. Hija għaddiet total ta' tmienja u tletin elf, erba' mija u ħamsin ewro punt ħamsin ċenteżmu (€38,450.50),

[2] Fol.365

bil-maġġjoranza tagħhom jgħaddu lil ommha ċerta Aurelia Tatarciuc li infatti lilha għadditilha s-somma  totali ta' ħamsa u tletin elf seba' mija punt ħamsin ċenteżmu tal-ewro (€35,700.50). Ireċeviet ukoll tramite l-istess aġenzija finanzjarja tal-*Fex serv* ammonti sostanzjali ta' flus minn għand l-appellat George Degiorgio. Dan fl-ammont ta' madwar tnejn u ghoxrin elf ewro (€22,000).

(iii) Ma rriżultax li Anca-Adelina Pop qatt attendiet jew hija rreġistrata f'*casinos* f'Malta.

(iv) Li Anca-Adelina Pop hija rreġistrata mal-Jobs Plus bħala *self-employed* bħala *part time entertainer* u dana mill-ewwel (1) ta' Jannar tal-elfejn u tnax (2012). Meta xehdet *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fis-sena 2021, Anca-Adelina Pop filfatt ikkonfermat li kienet ilha ma taħdem bejn ħamsa u sitt snin. Għalkemm reġistrata bħala *self-employed*, madanakollu ma hijiex reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi la għal finijiet ta' *Income tax* u lanqas tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT)

(v) Li minn informazzjoni miġbura minn għand *Transport Malta* irriżulta li hemm irreġistrata fuq isem Anca-Adelina Pop vettura tal-għamla *Corvette C7* bin-numru tar-reġistrazzjoni JBW 214 u li għandha n-numru personalizzat DAVIDDUCU, liema vettura ilha rreġistrata f'isimha mit-tlettax (13) ta' Novembru elfejn u ħmistax (2015). *In oltre*, irriżulta li hija għandha rreġistrata f'isimha wkoll vettura tal-għamla *Audi Q7 S line DI* bin-numru tar-reġistrazzjoni GBU 045, bin-numru personalizzat DENI, liema vettura ilha f'isimha mis-sittax (16) ta' Awissu elfejn u sbatax (2017). Għanda rreġistrata fuq isimha vettura tal-għamla *Mercedes Benz E20* bin-numru tar-reġistrazzjoni CCI 342, li ilha hekk f'isimha mit-tnax (12) ta' April tal-elfejn u tmintax (2018).

(vi) Ma rriżultax li Anca-Adelina Pop hija rreġistrata jew involuta f'xi kumpanija skond ir-Reġistru tal-Kumpaniji f'Malta, u lanqas irriżulta li għandha xi propjetà mmobbli f'isimha, u dana skond ir-riċerki li saru ma' *Identity Malta* mill-*Public Registry*.

(vii) Li Anca-Adelina Pop mhix irreġistrata mal-*Inland Revenue Department* għal skopijiet ta' taxxa u infatti ma tirċievi l-ebda benefiċċju, pensjoni jew *allowances* minn naħa tas-sigurta' soċjali. Lanqas ma hija reġistrata mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud għalkemm, kif ingħad, hija reġistrata mal-Jobsplus bħala *self employed, part-time entertainer*.

Illi, l-appellata Anca-Adelina Pop ġiet mixlija unikament bir-reat tal-ħasil tal-flus. Dwar l-elementi legali ta' dan ir-reat, l-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tagħmel esposizzjoni erudita tal-ġurisprudenza li titkellem dwar dan l-imsemmi reat, u li a skans ta' repetizzjoni din il-Qorti qed tagħmilhom tagħha. Magħdud ma' din l-esposizzjoni ġurisprudenzjali din il-Qorti tagħmel referenza għal dak li ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Alfred Delia et"[3] –

> **"Illi għalhekk il-mistoqsija li trid tiġi rizolta fil-kaz in ezami hija dik interposta mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza hawn fuq kwotata u ċioe fil-kuntest tal-provi illi l-prosekuzzjoni ġabet f'dan il-kaz (provi biex jiġi pruvat in-ness bejn il-flus utilizzati biex inxtraw il-vetturi imsemmija u xi attivita kriminali) intlaħaq dan il-livell ta' "prima facie"? Kien hemm "a case to answer" biex mbagħad l-oneru tal-prova jdur fuq l-imputati biex jippruvaw l-oriġini leġittima tal-flus utilizzati."**

Illi, huwa mgħallem illi f'dawn il-każijiet li jitrattaw ir-reat tal-ħasil ta' flus huwa neċessarju illi jiġi stabbilit xi ness ma' xi attivita' kriminali sottostanti u dan sabiex ikun stabbilit il-provenjenza lleċita tal-flus allegatament rikavat mill-kriminalita'. Illum il-ġurnata, sussegwenti l-emendi magħmulha permezz tal-Att XXXI tal-2007 u ta' l-Att VI tal-2010, huwa biżżejjed li persuna jkollha "**suspett**" tal-provenjenza kriminuża sabiex tinstab ħtija fl-istess.

Illi, fis-sentenza mpunjata, l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li tenut kont tal-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-appellata dwar il-provenjenza tal-flus li, mill-provi tal-Prosekuzzjoni, jirriżulta li kienu fil-pussess tagħha, hija ma setatx b'serenita' tasal sabiex tattribwixxi ħtija fl-appellata li f'dawn l-aħħar snin, f'dawn il-gzejjer, hija kienet qed tikkommetti r-reat ta' ħasil ta' flus hekk kif definit fil-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta. Mhux biss, iżda fil-fehma ta' dik il-Qorti, l-Prosekuzzjoni ma rnexxielhiex

[3] Deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati nhar id-29 ta' Novembru 1999.

tipprova ness bejn dawn il-flejjes u xi attivita' kriminali sottostanti, w ukoll dehrilha illi bil-fatt waħdu li l-appellata kient ilha f'relazzjoni mal-appellat George Degiorgio għal disgħa snin ma kienx neċessarjament ifisser illi hija kienet a konoxxenza tal-ħajja kriminoġenika kondotta mis-sieħeb tagħha. L-Avukat Ġenerali ma qabilx ma tali konkluzzjoni u jisħaq li *"il-fatti ta' dan il-kaz jagħmluha ferm diffiċli illi l-verzjoni tal-imputata tiġi emmnuta"* u dana għaliex *"hija kwazi impossibbli illi fid-9 snin li l-imputata Pop kienet f'relazzjoni mal-imputat George Degiorgio, fejn f'dan iz-zmien rabbew erbat itfal, hija qatt ma kienet konxja anki passivament tal-attivita' kriminali tas-sieħeb tagħha"*. Jikkontesta dak deċiż mill-Ewwel Qorti allura illi Pop ressqet biżżejjed provi, u dan sal grad minnha mistenni tal-probabbli, dwar il-leġittimita' tal-flejjes u ġid li hija kellha f'isimha.

Illi l-Prosekuzzjoni xliet lill-appellata bir-reat tal-ħasil ta' flus prinċipalment minħabba li f'isimha Pop kellha reġistrati tlett vetturi li l-valur tagħhom ma huwiex negliġibbli, kif ukoll minħabba diversi transazzjonijiet ta' ammont sostanzjali ta' flejjes li saru tramite' l-*Western Union* u l-*Fexserv*. Dan apparti l-miżati sostanzjali tal-iskola privata li hija kienet tħallas għal bintha minuri Denise-Iona Pop. Dan il-ġid ekonomiku, fil-fehma tal-Prosekuzzjoni, kien jistona ferm mal-istat finanzjarju li Pop kienet tidher li kellha u dan meta ma kellha ebda introjtu minn ebda impjieg u/jew negozju, u meta din kienet is-sieħba ta' persuna magħrufa mal-pulizija li huwa involut f'attivita' kriminali, u ċioe' l-appellat George Degiorgio, li huwa reġistrat mal-awtoritajiet bħala persuna mingħajr impjieg. Illi allura għalkemm l-Prosekuzzjoni ma timplikax illi l-appellata kienet involuta fl-attivita' kriminali sottostanti, madanakollu hija tal-fehma illi għal diversi snin hija għexet minn fuq ir-rikavat ġej mill-kriminalita' u dan meta kellha s-suspett, jekk mhux l-għarfien, illi il-flejjes u l-proprjeta' fil-pussess tagħha kellhom provenjenza illeċita.

Illi l-artikolu 2(1)(iii)u (iv) fil-fatt jistabbilixxu illi persuna tkun ħatja ta' reat ta' ħasil ta' flus jekk fost oħrajn:

> **(iii) l-akkwist, <u>pussess jew użu ta' proprjetà</u> meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta li l-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta' parteċipazzjoni f'attività kriminali;**

**(iv) ir-ritenzjoni mingħajr skuża raġonevoli ta' proprjetà meta wieħed ikun jaf jew jissuspetta lil-istess proprjetà tkun inkisbet jew oriġinat direttament jew indirettament minn attività kriminali jew minn att jew atti ta'parteċipazzjoni f'attività kriminali.**

Illi fis-sentenza deċiża minn din il-Qort,i kif ippresjeduta, fl-appell *The Police vs Vladimir Omar Fernandez Delgado* ingħad hekk fuq dak li jikkostitwixxi s-suspett li titkellem dwarha il-liġi fl-artikolu 2 tal-Kap.373:

***"The prevention of Money Laundering Act was enacted on the 23rd September 1994, with subsequent amendments coming into force by means of Act XXXI of 2007 and Act VI of 2010. These amendments had a significant impact on the offence of money laundering to the extent that although prior to 2007, the suspect necessarily had to have full knowledge that the money in his possession was laundered, having as its source an underlying criminal activity, after 2007 it was enough for the prosecution to prove that the accused had the suspicion of the illegal source of that money, for a guilty verdict to be reached. With the amendments coming into force in 2010, not only was the prosecution relieved of the burden to prove that there had been a conviction with regard to the underlying criminal activity, but it was no longer necessary either to prove which particular criminal activity was at the source of the laundered money. These amendments, in the opinion of this Court, had far reaching effects, since the burden of proof needed to obtain a conviction for the offence of money laundering is now less tough on the prosecution, shifting the ball into the accused's court who is in a more difficult position to prove his innocence, necessarily having to give plausible justifications with regard to his degree of knowledge or suspicion about the underlying criminal activity linked to the offence with which he is being charged.***

***This is being said since the Prosecution need only prove a mere suspicion on the part of accused regarding the source of the money, the degree of suspicion, as opposed to the certainty brought about by proof of full knowledge, being merely subjective and personal. In the past the courts have extended the definition of knowledge beyond actual knowledge and included situations where the facts would be clear to an honest and reasonable person. It would also include turning a blind eye. Suspicion, on the contrary, is essentially a subjective issue and so is less than knowledge. ....***

***Unfortunately, our law does not give a definition of what amounts to "suspicion" and consequently if the prosecution manages to prove such suspicion of the illegal source of the money, then their job is done. It is incumbent on the accused to bring forward evidence to rebut the alleged "suspicion", as being fanciful or a mere possibility. It is then up to the judge or jury to evaluate both sides of the coin in order to establish whether that suspicion is such as can lead to a conviction.***

Illi allura dak li kellha tagħmel l-Ewwel Qorti kien illi tqies jekk fl-assjem tal-provi miġjuba mill-Prosekuzzjoni, kellux jirriżulta dan is-suspett fl-appellata dwar is-sors

tal-fondi li kienu fil-pussess tagħha, u wara dan isseħħ l-inverżjoni tal-provi fejn ikun jinkombi fuq l-appellata tipprova li dawn l-assi huma ġejjien minn sors leġittimu, meta allura is-suspett jitwarrab.

Illi huwa fatt inkontestat illi l-appellata Anca Adelina Pop ilha f'relazzjoni mal-appellat George Degiorgio għal diversi snin, u żgur fiż-żmien temporali indikat fiċ-ċitazzjoni. L-Ewwel Qorti tikkonkludi hekk fis-sentenza appellata:

> **"Fil-mument li inbdew dawn il-proceduri, l-aħwa Degiorgio kienu qegħdin jiġu suspettati li kienu involuti fil-qtil tal-ġurnalista Daphne Caruana Galizia u infatti kif irrizulta mill-provi prezentati f'dan ir-rigward bdew għaddejjin kumpilazzjoni separata dwar dan l-omicidju. Kif anke xehed l-ufficjal prosekutur li kien responsabbli direttament minn din l-investigazzjoni dwar reati ta' ħasil ta' flus, din l-investigazzjoni bdiet bħala *offshoot* tal-istess investigazzjoni dwar l-omicidju tal-ġurnalista. <u>Apparti minn hekk mill-atti jirrizulta wkoll li l-aħwa Degiorgio xilfu idejhom mal-ġustizzja kemm -il darba u ma kinux ucuħ ġodda għall-għatba tal-Qorti</u>. Dan kollu fil-fehma ta' din il-Qorti huwa bizzejjed biex jindika fuq bazi ta' prima facie li l-assi/flejjes li kellhom a disposizzjoni l-aħwa Degiorgio setgħu kienu provenjenti minn attivitajiet kriminali li t-tnejn li huma setgħu kienu invluti fihom."**

Illi stabbilit kwindi illi l-flejjes fil-pussess tal-appellat George Degiorgio kellhom provenjenza kriminuża, u stabbilit ukoll illi l-isemmi Degiorgio kien ilu jħabbat wiċċu mal-pulizija u l-ġustizzja kriminali għal diversi snin, tant illi saħansitra f'dak iż-żmien kien mixli li kkometta omiċidju ta' ġurnalista li kellu impatt qawwi kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment, ma kellhiex ikollha ebda dubbju l-Ewwel Qorti illi l-appellata, li kienet tgħix f'nukleju familjari ma' George Degiorgio għal diversi snin, ċertament kellha suspett dwar il-provenjenza lleċita tal-flus li kellu Degiorgio u li kien talvolta igħaddielha, iktar u iktar meta Degiorgio qatt ma kien impjegat regolarment, u ma kellu ebda introjtu leġittimu ġej minn xi sors ieħor. Żgur, u mhux forsi, illi f'disgħa snin sħaħ l-appellata kienet konxja tal-fatt illi is-sieħeb tagħha kellu diversi kawżi il-qorti fejn kien mixli b'reati kriminali, bl-aħħar wieħed ikun mixli b'reat ferm oneruż ta' omiċidju volontarju.

Issa l-appellata Anca-Adelina Pop *ex admissis,* fit-testimonjanza tagħha mogħtija fis-sena 2021, tistqarr illi kienet ilha ħames jew sitt snin ma taħdimx. Tforni spjegazzjoni dwar il-modalita' kif il-flejjes u l-assi li kellha f'isimha ġew f'idejha. Hija tispjega li l-

vettura tal-għamla *Audi Q3* kienet xtratha fis-sena 2016 meta kisbet il-liċenzja tas-sewqan. Tispjega li kienet ħallset €28,000 għaliha u li l-flus ġabithom mill-impjieg tagħha li kellha ġewwa l-istabbiliment *Deja vu*, kif ukoll akkwistata bis-somma ta' €20,000 li kien għaddielha missierha,Vasile Tatarciuc[4]. Issa għalkemm hija tgħid li kellha dan l-impjieg li jidher li allegatament rrendielha somma flus tant illi ħallset parti mis-somma ta' €28000 għall-vettura *Audi* minnha akkwistata, madanakollu dan l-impjieg ma jidhirx li kien wieħed regolarizzat stante illi mal-*JobsPlus* hija reġistrata bħala *self-employed* u lanqas hija reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi, li jista' jfisser ħaġa waħda biss, u ċioe' li hija la ħallset taxxa u wisq anqas taxxa fuq il-valur miżjud fuq dan il-qliegħ li għamlet. Inoltre ma eżebiet ebda dokument li jista' jixhed illi hija għamlet dan il-qliegħ jew kellha dan l-introjtu, bl-Ewwel Qorti allura tistrieħ fuq il-kelma ta' Pop, u ta' missierha mingħajr ebda prova oħra li tissostanzja din l-evidenza. Kompliet tispjega li fir-rigward tax-xiri ta' dina l-vettura, kien għenha finanzjarjament missierha ukoll u dana għaliex meta marret ir-Rumanija f' Ġunju 2016, huwa kien filfatt għaddielha is-somma ta' €20,000, fi flus kontanti, sabiex takkwista dina l-istess vettura. Din it-transazzjoni kienet ikkonfermata minn missierha stess Vasile Tatarciuc meta xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti, kif ngħad. Konvenjentement, iżda, kemm Pop kif ukoll missierha jixhdu illi dawn il-flejjes iddaħħlu Malta f'żewġ ammonti separati ta' €10,000 'il waħda, b'somma minnhom tiddaħħal fil-pussess ta' omm l-appellata Pop u l-oħra fil-pussess tal-appellata nnifisha. Illi, l-appellata tgħid dan għaliex hija taħt l-impressjoni erronja illi billi dawn inqassum f'żewġ ammonti separati ma kienx jenħtieġ illi hija tiddikjarhom mal-awtoritajiet. Illi fil-fatt ir-Regolament 3 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 233.07 jistabbilixxi illi l-ammont ta' €10,000 jew aktar fi flus kontanti jridu jkunu dikjarati mal-Kummissarju tat-Taxxi. Dan ifisser illi li kieku din il-Qorti, bħall-Ewwel Qorti kellha temmen dak li tixhed u tgħid l-appellata u missierha, jirriżulta illi xortawaħda kien hemm evażjoni ta' dak stipulat fil-liġi u ċioe' li ssir id-dikjarazzjoni ta' dan l-ammont sostanzjali li allegatament iddaħħal ġewwa Malta minn Pop[5]. Mhux biss, iżda tqies id-deposizzjoni ta' Pop kemmxejn kontradittorja meta f'nifs wieħed tgħid li missierha igħinha

[4] Ara deposizzjoni tal-appellata Pop u missierha Vasile Tatarciuc a fols. 2348A et seq.
[5] Ara xiehda Brian Saliba a fol.253

finanzjarjament, imbagħad meta tixhed fuq il-flejjes li kienet tibgħat lejn ir-Romanija tramite il-*Fexserv* tgħid illi parti minnhom intbagħat lil missierha biex tgħinu finanzjarjament fil-kostruzzjoni ta' xi dar.

Illi, fir-rigward il-vettura tal-għamla *Audi Q7 S line DI* bin-numru tar-reġistrazzjoni GBU 045, bin-numru personalizżat DENI, liema vettura ilha f'isimha mis-sittax (16) ta' Awissu elfejn u sbatax (2017), l-appellata Pop tispjega li tali vettura kienet xtratha mingħand James Zammit u bħala depozitu kienet tatu l-vettura preċedenti tagħha u ċioe' l-*Audi Q3*. Ġara, iżda, illi hija kienet naqset li tħallas l-pagamenti stabbiliti għall-akkwist ta'l-istess u allura l-ftehim sfaxxa fix-xejn. Minħabba li Zammit kien diġa' biegħ il-vettura *Audi Q3*, huwa minflok għaddielha vettura tal-għamla *Mercedes Benz E20* bin-numru tar-reġistrazzjoni CCI 342. Fir-rigward tal-vettura *Audi Q7*, hija tgħid li din qegħdha fil-pussess ta' James Zammit u li huwa prekluż milli jbiegħha peress li l-istess vettura hija milquta mill-ordni tal-iffriżar maħruġ f'isimha mill-Qorti. Dan kollu huwa kkorroborat mit-testimonjanza ta' James Zammit, in rappreżentanza ta' J. Zammit Limited, fejn xehed li kien biegħ vettura (*Audi Q7* – GBU 045) lil Pop bi tpartit ma' vettura oħra (*Audi oħra* u dan b'referenza għall-Audi Q3). Stqarr li d-depożitu kien sar permezz tal-*Audi* l-oħra li kienet stmatha €30,000 u li allura kien għad fadal bilanċ ta' €25,000. Il-bilanċ kellu jitħallas permezz ta' kambjali ta' €1,923 fix-xahar għal 13-il xahar, pero' Pop ma rnexxilhiex tagħmel tali pagament u għalhekk in-negozju ma seħħx. Peress li l-vettura tagħha li kienet tat bħala depozitu huwa kien laħaq biegħha, Zammit kien għaddielha vettura tal-għamla *Mercedes E-Class* bin-numru ta' reġistrazzjoni IBQ 897 minflok. Illi anke hawnhekk l-appellata tonqos milli tressaq prova dwar kif kienet bi ħsiebha tħallas il-pagamenti mensili f'ammonti ta' kważi €2,000 fix-xahar meta din kienet diżokkupata, għalkemm effettivament ma wasslitx biex tagħmel dawn il-pagamenti mensili. Lanqas ma tispjega allura ir-raġuni 'il għala ma irnexxielhiex tkompli b'dan in-negozju li kienet daħħlet għalih fejn intrabtet li takkwista vettura lussuża tal-valur ta' €55,000 meta din lanqas biss kienet taħdem.

Illi, dwar il-*Corvette* rreġistrata ukoll fuq isem Pop, l-istess appellata ma tat l-ebda spjegazzjoni plawzibbli fir-rigward. Hija xehdet li ma kellha l-ebda idea li kellha din il-vettura rreġistrata f'isimha u saret konxja ta' dan il-fatt biss meta rċeviet ċitazzjoni

tat-traffiku fuqha. Xehdet ukoll li ma tiftakarx jekk qattx iffirmat xi dokument sabiex dina l-vettura tiġi rreġistrata fuqha, għalkemm fil-fatt din hija hekk irreġistrata u saħansitra il-polza tal-assigurazzjoni hija maħruġa f'isimha ukoll. Fil-fatt fl-ebda ħin ma tikkontesta il-fatt illi hija il-firma tagħha li tidher fuq id-dokumenti marbuta ma' din il-vettura. Illi, huwa minnu illi skont kif irriżulta lill-Ewwel Qorti, din il-vettura kien jagħmel użu minnha George Degiorgio, iżda l-Qorti issibha diffiċli temmen kif l-appellata ma kienet taf xejn dwar din il-vettura meta skont kif dikjarat minnha stess, dawn kienu igħixu bħala *family unit* flimkien ma' erbat itfal.

Illi, fir-rigward tat-tranzazzjonijiet ta' flejjes li l-appellata għamlet tramite il-*Fexserv* u l-*Western Union*, hija tispjega l-ewwelnett li fir-rigward ta'l-ammonti ta' flus li rċeviet mingħand George Degiorgio, dawn kienu flus li huwa kien jibagħtilha meta kienet ir-Rumanija u dana bħala manteniment. Dwar l-ammonti li bagħtet hi lejn ir-Rumanija, tispjega li dawn kienu flejjes li kienet tibgħat lil ommha Tatarciuc Aurelia. Tispjega ukoll li dawn kienu jirrappreżentaw mantenimant għal bintha minuri li sas-sena 2016 kienet tgħix ma' ommha ġewwa r-Rumanija. *In oltre*, dwar l-akbar ammont li ttrasferiet, u ċioe' is-somma ta' €3,000, tispjega li dawn bagħtithom lil ommha u lil missierha sabiex tgħinhom fil-kostruzzjoni ta' dar zgħira ġewwa r-Rumanija.

Issa dwar il-provenjenza ta' dawn il-flejjes Anca-Adelina Pop tispjega kif hi kienet kostantament megħjuna finanzjarjament minn missierha, li dejjem jgħaddilha ammonti ta' flus kontanti (għakemm fl-istess nifs tgħid li biex bena d-dar fir-Rumanija għenitu finanzjarjament hi). Dawn il-pagamenti kienu igħinuha sabiex tħallas il-miżati tal-iskola tat-tifla tagħha. *In oltre*, hija tikkontendi illi ħuha wkoll igħinha finanzjarjament, għalkemm hija qatt ma tressaq lil ħuha sabiex jikkonferma dan il-fatt. Persuna oħra li hija tikkontendi kien ukoll igħaddielha xi flejjes huwa l-ex-raġel tagħha Alin Adrian Pop, li xehed *viva voce* quddiem l-Ewwel Qorti fejn stqarr li huwa kien iddivorzja lill-appellata madwar disgħa snin qabel ġewwa r-Rumanija u kien intlaħaq ftehim bejniethom li huwa kellu jħallas lil ex-martu s-somma ta' €35,000, u dana billi kull 6 xhur jgħaddielha is-somma ta' €5,000. Xehed ukoll li kien jgħaddielha ukoll is-somma ta' bejn €500 u €700, b'mod irregolari, versu l-manteniment tal-wild li għandhom in komuni. Fl-aħħarnett huwa xehed li dawn il-pagamenti minnu dejjem

saru fiżikament *by hand* lill-appellata, u dejjem permezz ta' flus kontanti, liema ħlas kien isir ġewwa ir-Rumanija. Dokumenti in sostenn ta' dak li jixhed, iżda, la jkunu ppreżentati minnu u lanqas minn Pop. Mhux biss, iżda meta jixhed Adrian Pop dan igħid li kien igħix xi tlett sigħat bogħod bil-vettura minn fejn kienet tinsab Pop meta kienet tmur ir-Rumanija, u allura lanqas huwa ċar kif effettivament kienu jsiru dawn il-pagamenti. Mhux biss, iżda l-uniku dokument eżebit in atti dwar id-divorzju ta'l-appellata minn ma' żewġha Adrian Alin Pop huwa sentenza mogħtija mill-Qorti fir-Rumanija tal-25 ta' Novembru 2012 fejn tissemma biss ir-retta alimentari li kellu jitħallas għal minuri Denia-Iona Pop fl-ammont ta' 175 *lei* kull xahar dekorribbli mill-25 ta' Otturbu 2012 sal-eta' maġġuri. Dan l-ammont huwa ekwivalenti għal madwar €40 bir-rata ta' kambju eżistenti fis-sena 2012[6], u allura jieqaf ferm 'il bogħod mill-flejjes li huwa jikkontendi li għadda lil Pop ta' €500 jew €700 kull tant żmien, oltre l-pagament ta' €35,000. Illi anke fir-rigward ta' din is-somma ta' €35,000, il-Qorti issibha kemmxejn inverosmili illi din is-somma sostanzjali ma ssemmietx fis-sentenza tad-divorzju u sar xi ftehim ieħor informali bejn il-partijiet li lanqas sar bil-kitba. L-appellata ma teżebixxi ebda dokument sabiex tissostanzja dawn l-affermazzjonijiet kollha li tagħmel, bil-persuni li ssemmi li kienu igħaddulha l-flus kollha allegatament igħadduhomlha fi flus kontanti. *Di piu',* li kieku kien minnu illi hija kienet tgħaddi il-flejjes lil ommha għal manteniment ta' bintha ġewwa ir-Rumanija, u ġaldarba Adrian Pop kien igħaddielha dawn il-flus meta hija kienet titla' r-Rumanija, kienet tonqos in-neċessita' li hija imbagħad tibgħat il-flus lil ommha minn hawn Malta permezz tal-pagamenti tal-*Fexserv,* u dan f'ammonti sostanzjali, sabiex b'hekk il-Qorti tara t-testimonjanza tagħha bħala waħda inverosimili u li allura ma tagħti ebda spjegazzjoni dwar is-sors tal-flejjes minnha mibgħuta barra minn Malta permezz tal-*money transfers* eżebiti in atti. Ukoll l-Qorti issibha ferm diffiċli temmen kif l-appellata kienet tiġi megħjuna minn persuni familjari tagħha, iżda konvenjentement ma semmiex istanza waħda fejn kien jikkontribiwixxi għall-ħajja tal-familja is-sieħeb tagħha George Degiorgio, u dan meta tindika illi saħanistra meta kienet tkun ir-Rumanija l-appellat Degiorgio kien jibagħtilha l-flus għal manteniment.

6 Ara dokument eżebit a fol.1804 et seq.

Illi, kif tajjeb jikkontendi l-Avukat Ġenerali fl-appell minnu ntentat, u kif *del resto* deċiż anke mill-Ewwel Qorti, ma hux ikkontestat,kif diġa' ingħad, illi Pop kienet f'relazzjoni mal-appellat George Degiorgio u tikkoabita miegħu flimkiem mal-erbat itfal tagħhom, kif huwa ippruvat ukoll illi Degiorgio qatt ma kellu ebda impjieg u allura huwa stabbilit illi kien igħix fil-maġġior parti minn rikavat ġej minn attivita' kriminali. Żgur u mhux forsi illi Pop kellha tkun konxja ta' dan il-fatt u allura kellha jkollha s-suspett illi l-flejjes li kien igħaddielha Degiorgio kienu ġejjien minn sorsi illeġittimi. L-appellata Pop jidher illi ma kellha ebda impjieg u ebda introjtu ieħor għajr għal dawk il-flejjes li tgħid li kien għaddielha l-ex-raġel tagħha u il-ġenituri tagħha. Illi, kif ingħad, dawn il-flejjes kienu mgħoddija lilha fi flus kontanti u ma hemm ebda prova dokumentarja li tixhed dwar dawn il-ħlasijiet li allegatment saru. Għalkemm jidher illi Pop irċeviet ammonti sostanzjali ta' flus matul is-snin, madanakollu mhijiex reġistrata mal-Kummissarju għal skopijiet ta' taxxa. Mhux biss, iżda il-flus li tgħid li irċeviet ma humiex kompatibbli lanqas mal-istil ta' ħajja tagħha, meta hija dejjem kellha reġistrati fuq isimha karozzi lussuzi u anke kienet tħallas miżati ta'l-iskola għal minuri Denise Iona Pop ta' madwar €5000 għal kull sena skolastika[7]. Dan ifisser illi l-mezzi ta' l-ghejxien dikjarati ta' Anca-Adelina Pop ma jikkorrispondux ma'l-istil ta' hajja tagħha, tenut kont li din il-mara hija diżokkupata u ma tirċevi ebda forma ta' assistenza soċjali, u tenut kont ukoll tal-fatt illi hija tgħix ma' persuna li imantni lilu innifsu mir-rikavat ġej minn attivita' kriminali, kif huwa ippruvat mill-prosekuzzjoni u kif deċiż mill-Ewwel Qorti. Kwindi *prima facie* jirriżulta illi kien hemm attivita' kriminali sottostanti, kif huwa ppruvat ukoll illi l-istil ta' ħajja tal-appellata ma tikkorispondiex mal-qliegħ minnha iddikjarat. Meta isseħħ l-inverżjoni tal-provi, kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, ma jidhirx illi l-appellata tagħti spjegazzjoni plawsibbli tas-sors leġittimu tal-flejjes utiliżżati minnha għall-għejxien tagħha. Dan iktar u iktar meta bil-fatt waħdu illi l-Ewwel Qorti sabet ħtija fl-appellat George Degiorgio tar-reat ta' ħasil ta flus ifisser illi kien hemm biżżejjed provi in atti li jindikaw illi Degiorgio kien qed igħix minn flus derivanti minn rikavat kriminali, sabiex għalhekk żgur u mhux forsi illi l-ammont ta' madwar €22,000 li Degiorgio

[7] Ara xhieda ta' Sandro Galea – San Andrea School fol. 70 sa 80 tal-atti.

bagħat lil Pop ġewwa r-Rumanija bejn is-snin 2013 u 2016[8] kienu derivanti mill-imsemmija attivita' u abbażi ta' dawn il-flejjes biss, l-Ewwel Qorti kellha tirriskontra il-ħtija.

Illi meta wieħed igħasar l-provi jirriżulta illi għas-snin bejn l-2012 u l-2018 l-appellata tindika is-segwenti flejjes, li fil-fehma ta' din il-Qorti il-provenjenza tagħhom hija ukoll dubbjuża kif ser jingħad:

1. €28,000 rappreżentanti qliegh minn xogħol mal-stabbiliment *Deja Vu* abbinati ma' €20,000 perċepiti minn għand missier l-appellata fi flus kontanti, liema flejjes allegatament jidħlu Malta mingħajr dikjarazzjoni mal-Kummissarju. L-appellata lanqas ma tidher illi ddikjarat l-introjtu tagħha minn xi xogħol jew impjieg mal-Kummissarju. Dawn il-flejjes jiġu minnha utiliżżati mhux biex tmantni lilha nnifisha jew lit-tfal tagħha, iżda biex tixtri karozza lussuza tal-għamla Audi Q3.
2. €35,000 minn għand l-ex ragel tagħha u xi ammonti zgħar ta' ftit mijiet darba kull tant żmien liema somma jikkontendi li kien għaddielha ġewwa ir-Rumanija rappreżentanti flejjes lilha dovuti mad-divorzju tagħhom u manteniment għal binthom minuri. Dan meta ma ġie ippreżentat ebda ftehim dwar dan l-ammont sostanzjali ta' flus, bis-sentenza tad-divorzju ma tindikax l-istess u tindika biss illi l-manteniment dovut għal minuri huwa ta' madwar €40 fix-xahar.
3. €22,000 li l-appellata irċeviet minn għand George Degiorgio u li intbagħtu lilha meta kienet ġewwa ir-Romanija.

Illi mill-provi li hemm fl-atti, imbagħad, jirriżulta illi l-appellata għandha kont bankarju wieħed mal-*Lombard Bank* li ġewwa fih jidhlu ammonti ta' flus kontanti u li hi tutiliżża mhux għal ħajja ta' kuljum, iżda biex tgħix ħajja piuttost lussuża u mhux kompatibbli mal-istil ta' ħajja ta' persuna li tiddikjara li ma taħdimx u li tgħix bil-karita' ta' missierha u ħuha u bil-flus li igħaddielha l-ex-raġel tagħha. Minn dawn il-flejjes, iżda takkwista karozzi lussuzi u tużahom għat-trasport tagħha, tħallas il-miżati ta' bintha ġewwa skola privata li f'sentejn jammontaw għal iktar minn €10,000 u

[8] Ara xhieda ta' Paul Vassallo u dokumenti minu eżebiti a fols. 929 sa 1037

tibgħat ammonti ta' flejjes barra minn Malta, l-iktar lejn ir-Rumanija fl-ammont ta' madwar €35,700. Dan hija tgħid li kienet tagħmlu għal manteniment ta' bintha meta din kienet tgħix ma' ommha, iżda, kif ingħad, din l-affermazzjoni hija konfliġġenti ma' dak minnha dikjarat u dak li jixhed l-ex-raġel tagħha li jgħid li l-flejjes rappreżentanti manteniment u dawk dovuti lilha wara li seħħ id-divorzju tagħhom kien igħaddiehomlha meta kienet tkun ir-Rumanija, sabiex b'hekk ma hemmx spjegazzjoni tal-ammont ta' flejjes sostanzjali li kienet tibgħat barra minn Malta.

Illi dawn it-transazzjonijiet ta' flejjes saru meta hija ma kellha ebda impjieg, qliegħ jew introjtu minn xi benefiċċju soċjali u lanqas kienet reġistrata ai fini ta' taxxa. Dan ifisser illi l-istil ta' ħajja tal-appellata b'transazzjonijiet ta' mijiet u eluf ta' ewro jeċċedu dawk il-flejjes li hija tgħid li ipperċepiet, għalkemm il-Qorti tgħid mingħajr tlaqliq, u dan kuntrarjament għal dak deċiż mill-Ewwel Qorti, illi d-deposizzjoni ta' Pop u tal-xhieda minnha imressqa, hija għal kollox inverosimili mhux biss, għaliex konvenjentment dawn il-flejjes dejjem tħallsu fi flus kontanti, iżda fuq kollox ma teżebixxi ebda dokument li jissostanzja din l-allegazzjoni sabiex jista' jkun stabbilit xi *money trail*, u dan sal-grad tal-probabbli.

Kwindi stabbilit illi l-appellata kienet tgħix u kellha familja ma' persuna li kien ppruvat li l-introjtu tiegħu għandu provenjenza illeċita, l-Ewwel Qorti kellha issib ħtija fl-appellata ukoll, mhux biss għaliex dak minnha dikjarat ma jwassalx sal-grad tal-prova minnha meħtieġ sabiex tissostanzja il-verżjoni tagħha tal-fatti u ċioe' il-leġittimita' tal-provenjenza tal-flejjes li kienet tuża biex tmantni lilha innifisha u lil familja tagħha, iżda fuq kollox għaliex mill-provi kien jidher ċar illi l-appellat George Degiorgio kien għaddielha ammont sostanzjali ta' flus li hija tindika li kienu għal manteniment tagħha, meta hi kellu jkollu suspett, ġaladarba kient tgħix f'nukleju familjari miegħu għal tul ta' snin, illi dawn il-flejjes ma kellhomx provenjenza leċita.

Fuq kollox l-artikolu 638(1) tal-Kodiċi Kriminali jipprovdi illi "***bħala regola, gandu jitqies li tinġieb il-prova l-aktar sħiħa u sodisfaċenti illi l-każ ikun jagħti, u li ma jitħalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tiegħu tkun importanti*",** regola li għandha tapplika bl-istess qies għal Prosekuzzjoni kif ukoll għad Difiża, b'dan għalhekk illi għalkemm l-persuna akkużata għandha id-dritt għas-silenzju u mhi obbligata

tipprova xejn, madanakollu jekk tagħżel li trid tagħmel xi prova anke permezz tax-xhieda tagħha, allura fil-konfront tal-akkużat għandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li għandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-appellata, allura, kellha tipprova dak minnha allegat sal-grad tal-probabbli, iktar u iktar meta seħħet l-inverżjoni tal-prova fuqha wara li kien stabbilit illi s-sieħeb tagħha u li miegħu hi kienet tgħix fuq bażi regolari, kien involut f'attivita' kriminali. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament*".

Illi fil-fehma ta' din il-Qorti allura, l-Ewwel Qorti errat meta straħet fuq il-verżjoni tal-fatti mogħtija mill-appellata meta din kellha ħafna toqob fiha, iktar u iktar wara li waslet għad-deċiżjoni illi l-appellat l-ieħor George Degiorgio, kif ingħad, kien qed igħix minn flejjes ġejjien minn rikavat kriminali. Fuq kollox il-ħasil tal-flus huwa proċess kumpless u klandestin li jinvolvi l-ħabi tal-oriġini tal-fondi miksuba illegalment biex jidhru leġittimi. Illi fis-sentenza appellata stess hemm indikazzjoni li fil-fatt dan seħħ u dan meta fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti tikkonkludi illi l-vettura Corvette tappartjeni lill-appellat George Degiorgio, għalkemm tidher irreġistrata fuq isem Pop. Li mbagħad Pop tinnega li kienet konxja tal-fatt li din il-vettura kienet irreġistrata f'isimha hija ukoll inverosmili tant illi d-dokumenti ta' reġistrazzjoni u assigurazzjoni huma kollha f'isimha u iffirmati minnha. Fit-tieni lok kien ukoll ippruvat illi l-appellata kienet ukoll tipperċepixxi flejjes filwaqt li kienet tinsab ir-Romanija minn għand is-sieħeb tagħha George Degiorgio, flejjes li kien stabbilit mill-Ewwel Qorti li għandhom provenjenza illeċita ġaldarba kienu f'isem Degiorgio, bil-prova issir mill-Prosekuzzjoni, skont l-Ewwel Qorti, illi kien hemm ness bejn il-flejjes appartenenti lil Degiorgio u attivita' kriminali sottostanti. Apparti dan, jidher illi l-appellata kienet ukoll tutilizża flejjes iddepożitati fil-kont bankarju tagħha fi flus kontanti sabiex takkwista diversi oġġetti ta' valur elevat fosthom ħwejjeġ, zraben u affarijiet oħra x'aktarx ta' abbiljament minn diversi ħwienet ta' ditti rinomati. Finalment għalkemm l-appellata tikkontendi illi l-flejjes li ġew fil-pussess tagħha kienu leġittimi madankollu ma tressaqx l-iċken prova ta' xi *money trail* li jista' b'xi mod jistabbilixxi il-leġittimita' tas-sors ta' dawn il-fondi, u dan sal-grad tal-probabbli. Għal

kuntrarju, hija il-fehma ta' din il-Qorti illi l-ispjegazzjonijiet mogħtija mill-appellata huma nieqsa mill-verosimiljanza u ma jlaħħqux il-grad ta' prova minnha mistenni. Kwindi l-Qorti tqies illi l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa ben fondat u jistħoqqlu akkoljiment, sabiex b'hekk l-appellata Anca-Adelina Pop għandha tinstab ħatja ukoll tar-reat li dwaru kienet mixlija ta' ħasil ta' flus.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fit-tieni aggravju li jressaq l-Avukat Ġenerali, jilmenta li meta l-Ewwel Qorti ġiet biex teroga l-piena kontra l-appellati Degiorgio, hija naqset milli timponi is-sanzjoni tassattiva li hija mfassla fil-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta, u ċioe' li l-Qorti mhux biss għandha tordna konfiska favur il-Gvern ta' Mlata tar-rikavat derivanti minn attivita' kriminali, iżda ukoll għandha tordna l-konfiska ta' kull propjeta' li tappartjeni jew tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll tal-persuna misjuba ħatja.

Illi, l-Artikolu 3(5)(a) tal-Kapitolu 373 tal-Liġi ta' Malta jiddisponi illi:–

> **(5) (a) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 23 tal-Kodiċi Kriminali l-qorti għandha, b'żieda ma' kull piena li għaliha tista' tiġi kkundannata persuna misjuba ħatja ta' reat ta' money laundering taħt dan l-Att u b'żieda ma' kull piena li korp magħqud jista' jeħel taħt id-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (4), tordna t-teħid favur il-Gvern tar-rikavat jew ta' dik il-proprjetà li l-valur tagħha jkun jikkorrispondi għall-valur ta' dak ir-rikavat sew jekk dak ir-rikavat ikun ġie riċevut mill-persuna misjuba ħatja jew mill-korp magħqud imsemmi fl-imsemmi subartikolu (4) <u>u kull proprjetà li tappartjeni lil, jew li tkun fil-pussess jew taħt il-kontroll ta' xi persuna misjuba ħatja kif imsemmi qabel jew ta' korp magħqud kif imsemmi f'dan is-subartikolu għandha, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, titqies li tkun inkisbet mir-reat ta' money laundering u tkun suġġetta għal konfiska jew teħid mill-qorti</u> wkoll jekk fil-każ ta'proprjetà immobbli dik il-proprjetà tkun, minn żmien meta l-ħati jkun ġie akkużat, għaddiet f'idejn terzi, kif ukoll jekk ir-rikavat ta' proprjetà, kemm mobbli kemm immobbli, ikunu jinsabu f'xi post barra minn Malta.**

Illi, mis-sentenza mpunjata jirriżulta li l-Ewwel Qorti ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tas-segwenti assi:–

> i.L**-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897;**
>
> **ii. leasure boat Wellcrat Martinque bl-isem Maya. Dawn it-tnejn huma reġistrati u propjeta ta' Alfred Degiorgio.**
>
> **iii. il-vettura tal-marka Audi bin-numru tar-reġistrazzjoni DENJAD;**

**iv. Pleasure boat bl-isem "Ducu" Dawn huma propjeta u reġistrati fuq isem George Degiorgio.**

**In oltre l-Qorti qieghda tordna wkoll l-konfiska tal-vettura tal-marka Corvette C7 tat-tip convertible bin-numru tar-reġistrazzjoni JBW 214 (Davidducu). Għalkemm reġistrata fuq isem l-imputata Anca-Adelina Pop, din il-vettura effettivament kienet fil-kontroll tal-imputat George Degiorgio u ġiet akkwistata minnu.**

**Dawn kollha qegħdin jiġu konfiskati stante li jirriżulta li dawn ġew akkwistati b'fondi illeciti.**

Illi, minn eżami akkurat tal-elenku tal-assi ppreżentat in atti mir-Reġistratur tal-Qrati u Tribunali Kriminali, jirriżulta li filfatt dawn l-assi appena elenkati kienu l-unika assi li rriżultaw mill-investigazzjonijiet kondotti li jappartjenu lill-imputati Degiorgio. Dan magħdud, madanakollu, u billi ma setax jkun stabbilit x'kien ir-rikavat ġej mill-kriminalita', l-Ewwel Qorti kellha tgħaddi biex tapplika is-sanzjoni konsegwenzjali maħsuba fis-sub-inċiż (7) għall-artikolu 3 fejn hemm hekk dispost:

**Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 248E(4) u t-Titolu IV tat-Taqsima III tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi Kriminali, u dawk tal-artikolu 22(3A)(b), (d) u (7) tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għar-reat ta'money laundering taħt dan l-Att.**

Dan ifisser illi fit-termini ta'l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta reż applikabbli għal Kapitolu 373, *mutatis mutandi*, l-Ewwel Qorti kellha "tordna l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjetà mobbli oħra, u tal-proprjetà immobbli kollha tal-persuna hekk misjuba ħatja wkoll jekk il-proprjetà immobbli minn meta l-ħati jkun ġie akkużat tkun għaddiet għand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjetà mobbli jew proprjetà immobbli jkunu qegħdin f'xi post barra minn Malta." Dan b'riserva għad-dritt spettanti lill-appellati mfassal fl-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-multa ta' €25,000 imposta fuq kull wieħed mill-imputati Degiorgio. L-Avukat Ġenerali jisħaq li dana l-ammont huwa sproporzjonat meta wieħed jikkonsidra il-valur tal-assi kollha li kienu fil-pussess tal-istess imputati.

Illi, l-Artikolu 3(2A)(ii) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta jistipola illi –

> **Kull persuna li tiġi akkużata b'reat ta' money laundering taħt dan l-Att għandha tiġi proċessata fil-Qorti Kriminali jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), skont ma l-Avukat Ġenerali jista' jordna, u tista' teħel jekk tinsab ħatja**
>
> **...**
>
> **(ii) mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) jew mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), il-piena ta'priġunerija għal żmien mhux inqas minn tnax-il xahar iżda mhux iżjed minn disa' snin, jew multa ta' mhux inqas minn għoxrin elf euro (€20,000) iżda mhux iżjed minn mitejn u ħamsin elf euro (€250,000), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.**

Illi, l-Qorti tistqarr illi għalkemm il-*quantum* tal-multa inflitta mill-Ewwel Qorti kienet tqarreb pjuttost lejn il-minimu stipulat mill-Liġi, l-appellati kienu kkundannati għal ħlas ta'l-imsemmija multa flimkien ma' piena ta' priġunerija għal erba' snin, għalkemm kien fid-diskrezzjoni tal-Qorti li timponi multa b'mod alternattiv għal piena tal-priġunerija jew it-tnejn flimkien, bl-Ewwel Qorti għalhekk tinfliġġi dik il-piena xierqa u idonja għaċ-ċirkostanzi tal-każ fejn il-piena imposta, hija waħda fil-parametri tal-Liġi, u allura ma hemm ebda mottiv li jista' iġiegħlHa tvarja l-istess. Dan iktar u iktar fid-dawl tal-fatt ill l-Qorti ser tgħaddi għall-konfiska tal-assi kollha appartenenti lill-appellati, kif hawn fuq deċiż.

Għaldaqstant, dan l-aħħar aggravju tal-Avukat Ġenerali qed jiġi respint.

Finalment meta l-Qorti ġiet biex tqies il-piena li għandha tkun inflitta fuq l-appellata Anca-Adelina Pop, ser tieħu in konsiderazzjoni il-fedina penali nadifa tagħha u għalhekk għandha tkun kkunsidrata bħala *first-time offender*.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' parzjalment l-appell ta'l-Avukat Ġenerali, tgħaddi għalhekk sabiex tvarja s-sentenza appellata billi:**

1. **Tikkonfermaha fejn l-appellati George u Alfred Degiorgio kienu misjuba ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħhom u fejn kienu ikkundannati kull wieħed għal perijodu ta' erba' snin priġunerija u multa ta' €25,000.**

2. Tikkonfermaha fejn kienet ordnata il-konfiska tal-vettura tal-marka Mercedes bin-numru tar-reġistrazzjoni IBQ 897; tal-leasure boat Wellcraft Martinque bl-isem Maya. (Dawn it-tnejn huma reġistrati u propjeta ta' Alfred Degiorgio.), tal-vettura tal-marka Audi bin-numru tar-reġistrazzjoni DENJAD; tal-Pleasure boat bl-isem "Ducu" (Dawn huma propjeta u reġistrati fuq isem George Degiorgio.)
3. Tikkonfermaha fejn ordnat il-konfiska tal-vettura tal-marka Corvette C7 bin-numru ta' reġistrazzjoni JBW 214 favur il-Gvern ta' Malta;
4. Tordna ukoll il-konfiska tal-proprjeta kollha mobbli u immobbli tal-appellati Alfred u George Degiorgio fvaur il-Gvern ta' Malta, b'riserva għad-dritt mogħti lilhom bil-liġi quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi), fit-termini ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta;
5. Tvarjaha fejn l-imputati George u Alfred Degiorgio kienu ikkundannati jħallsu lir-Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' €841.90 fit-termini ta'l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali u minflok tordna illi din is-somma ta' €841.90 għandha titħallas mit-tlett appellati, ċioe' minn George Degiorgio, Alfred Degiorgio u Anca-Adelina Pop, f'isħma ugwali bejniethom;
6. Tirrevokaha fejn illiberat lill-imputata Anca-Adelina Pop mill-imputazzjoni miġjuba kontra tagħha, u wara li rat l-artikoli 2 u 3 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 18 tal-Kodiċi Kriminali, issibha ħatja tal-istess, tikkundannaha għal perijodu ta' tmintax-il xahar priġunerija, li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, dan il-perijodu qed jiġi sospiż għal zmien sentejn mil-lum. Tikkundannaha inoltre għal ħlas ta' multa ta' €22,000. Finalment wara li rat l-artikolu 3(5)(7) tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta u l-artikolu 22(3A)(d) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-proprjeta' kollha mobbli u immobbli tal-imputata/appellata Anca-Adelina Pop, b'riserva għad-dritt mogħti lilha bil-liġi quddiem il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Irkupru tal-Assi), fit-termini ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 373 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti twissi lil ħatja Anca-Adelina Pop bil-konsegwenzi skont il-liġi jekk hija tikkometti reat ieħor matul il-perijodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Edwina Grima**

**Imħallef**